

Brussell, 8 ta' Frar 2024
(OR. en)

6162/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0025(COD)

CODEC 289
ENV 128
MI 124
PE 15

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2012/19/UE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mill-5 sat-8 ta' Frar 2024)

I. INTRODUEZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u tad-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) Pascal CANFIN (Renew, FR) ippreżenta f'isem il-Kumitat ENVI emenda ta' kompromess (l-emenda numru 9) għall-proposta għal Direttiva msemmija hawn fuq, li għaliha Anna ZALEWSKA (ECR, PL) kienet ħejjiet abbozz ta' rapport. Din l-emenda kienet ġiet maqbula matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma tressqet ebda emenda oħra.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

II. VOT

Meta vvotat fis-6 ta' Frar 2024, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 9) għall-proposta għal Direttiva msemmija hawn fuq. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif stabbilita fl-Anness ta' dan id-dokument².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Għaldaqstant il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.*

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

* L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN.

P9_TA(2024)0059

L-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE)

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2024 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/19/UE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (COM(2023)0063 – C9-0016/2023 – 2023/0025(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2023)0063),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0016/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat- 22 ta' Marzu 2023¹,
 - wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Regġuni,
 - wara li kkunsidra l-ftehim provviżorju approvat mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn mogħti mir-rappreżentant tal-Kunsill permezz ta' ittra tad-29 ta' Novembru 2023 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0311/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taht²;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u

¹ ĠU C 184, 25.5.2023, p. 102.

² Din il-pożizzjoni tiegħu post l-emendi adottati fid-9 ta' Novembru 2023 (Testi adottati, P9_TA(2023)0392).

lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tas-6 ta' Frar 2024 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/19/UE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li *kkonsultaw* lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja²,

¹ *ĠU C 184, 25.5.2023, p. 102.*

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2024.

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2012/19/UE *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*³ daħlet fis-seħħ fit-13 ta' Awwissu 2012, u ssostitwiet id-Direttiva 2002/96/KE *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*⁴.
- (2) Il-pannelli fotovoltajċi, li ma kinux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/96/KE, ġew inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2012/19/UE mit-13 ta' Awwissu 2012, billi ġew inklużi fil-kategorija 4 tal-Annessi I u II, kif imsemmija fl-Artikolu 2(1), *il-punt* (a), tad-Direttiva 2012/19/UE.
- (3) L-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2012/19/UE jipprevedi li l-Istati Membri għandhom l-obbligu jiżguraw li l-produtturi ta' tagħmir elettriku u elettroniku (EEE) iġarrbu l-ispejjeż għall-ġbir, it-trattament, l-irkupru u r-rimi ta' skart EEE (WEEE) li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent minn utenti għajr djar privati li jirriżultaw minn prodotti mqiegħda fis-suq wara t-13 ta' Awwissu 2005.

³ *Id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38).*

⁴ *Id-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (ĠU L 37, 13.2.2003, p. 24).*

(4) Fil-25 ta' Jannar 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (*il-“Qorti”*), fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-181/20⁵, iddikjarat li l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2012/19/UE huwa invalidu sa fejn jikkonċerna pannelli fotovoltajċi mqiegħda fis-suq bejn it-13 ta' Awwissu 2005 u t-13 ta' Awwissu 2012, minħabba effett retroattiv mhux ġustifikat. Il-Qorti ddeċidiet li, qabel l-adozzjoni tad-Direttiva 2012/19/UE, il-leġiżlatur tal-Unjoni ħalla lill-Istati Membri l-għażla li jirrikjedu li l-ispejjeż relatati mal-ġestjoni tal-iskart minn pannelli fotovoltajċi jiġġarrbu mid-detenturi attwali jew preċedenti tal-iskart jew mill-produttur jew mid-distributtur tal-pannelli fotovoltajċi, skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2008/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶. Sussegwentement, il-leġiżlatur tal-Unjoni stabbilixxa regola, fl-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2012/19/UE, skont liema daww l-ispejjeż għandhom jiġġarrbu mill-produtturi fl-Istati Membri kollha, inkluż fir-rigward ta' prodotti li l-produtturi kienu diġà qiegħdu fis-suq fi żmien meta kienet fis-seħħ id-Direttiva 2008/98/UE. Il-Qorti ddeċidiet li jrid titqies li dik ir-regola tapplika retroattivament, u għalhekk jaf tikser il-prinċipju taċ-ċertezza legali, u li tali retroattività tinvalidah fir-rigward tal-pannelli fotovoltajċi mqiegħda fis-suq qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2012/19/UE.

⁵ Is-sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tal-25 ta' Jannar 2022, VYSOČINA WIND a.s. v Česká republika – Ministerstvo životního prostředí, C-181/20, ECLI:EU:C:2022:51).

⁶ *Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi* (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

- (5) *Il-Qorti ddeċidiet ukoll, fis-sentenza tagħha, li l-fatt li Stat Membru jkun adotta leġiżlazzjoni li tmur kontra direttiva tal-Unjoni qabel l-adozzjoni ta' dik id-direttiva ma jikkostitwix, fih innifsu, ksur tad-dritt tal-Unjoni, peress li ma jistax jitqies li l-kisba tar-riżultat previst mid-direttiva tkun compromessa serjament qabel ma d-direttiva tkun tiffirma parti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.*
- (6) Is-sentenza tal-Qorti timplika direttament li l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2012/19/UE jenħtieġ li jiġi emendat sabiex ma japplikax għal skart minn pannelli fotovoltajċi minn utenti għajr djar privati mqiegħda fis-suq bejn it-13 ta' Awwissu 2005 u t-13 ta' Awwissu 2012. Barra minn hekk, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti, huwa neċessarju li d-Direttiva 2012/19/UE tiġi emendata wkoll b'rabta mal-finanzjament ta' skart minn pannelli fotovoltajċi minn djar privati li għalih japplika l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2012/19/UE, u b'rabta ma' EEE ieħor, fir-rigward ta' skart kemm minn djar privati kif ukoll minn utenti għajr djar privati, li huwa f'pożizzjoni komparabbli ma' dik tal-pannelli fotovoltajċi.

(7) L-Artikolu 2(1), **il-punt** (b), tad-Direttiva 2012/19/UE jestendi l-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva għall-EEE kollu mill-15 ta' Awwissu 2018. B'mod simili għall-pannelli fotovoltajċi, l-EEE li ma kienx jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2012/19/UE skont l-Artikolu 2(1), **il-punt** (a), tagħha, iżda li sar jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha mill-15 ta' Awwissu 2018 skont l-Artikolu 2(1), **il-punt** (b), tagħha ("EEE b'kamp ta' applikazzjoni mhux ristrett"), qabel **ukoll** ma kienx inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/96/KE. Għalhekk, qabel l-adozzjoni tad-Direttiva 2012/19/UE, l-Istati Membri **thallitilhom**, skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2008/98/KE, ■ l-għażla li jirrikjedu li l-ispejjeż relatati mal-ġestjoni tal-iskart minn dak l-EEE jiġġarrbu mid-detenturi attwali jew preċedenti tal-iskart jew mill-produttur jew mid-distributtur ta' dak it-tagħmir. Għalhekk, l-applikazzjoni tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2012/19/UE għall-EEE b'kamp ta' applikazzjoni mhux ristrett tmur, għar-raġunijiet stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti, kontra l-prinċipju taċ-ċertezza legali. Barra minn hekk, peress li d-Direttiva 2012/19/UE tinkludi l-EEE b'kamp ta' applikazzjoni mhux ristrett mill-15 ta' Awwissu 2018 biss, l-Artikolu 13(1) jenħtieġ li jiġi emendat b'tali mod li ma japplikax għall-EEE b'kamp ta' applikazzjoni mhux ristrett imqiegħed fis-suq bejn it-13 ta' Awwissu 2005 u l-15 ta' Awwissu 2018.

- (8) Bħala dispożizzjoni li tirrifletti l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2012/19/UE, li japplika fir-rigward ta' utenti għajr djar privati, l-Artikolu 12(1) **ta' dik id-Direttiva** meta jinqara flimkien mal-Artikolu 12(3) **tagħha** jimponi l-finanzjament tal-ispejjeż għall-ġbir, it-trattament, l-irkupru u r-rimi li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent tal-WEEE minn djar privati fuq il-produtturi fir-rigward tal-prodotti mqiegħda fis-suq aktar tard mit-13 ta' Awwissu 2005. Għar-raġunijiet stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti, sa fejn **dawk** id-dispożizzjonijiet japplikaw għall-finanzjament ta' dawk l-ispejjeż ta' ġestjoni tal-iskart minn pannelli fotovoltajċi mqiegħda fis-suq bejn it-13 ta' Awwissu 2005 u t-13 ta' Awwissu 2012 u għall-EEE b'kamp ta' applikazzjoni mhux ristrett imqiegħed fis-suq bejn it-13 ta' Awwissu 2005 u l-15 ta' Awwissu 2018, japplikaw daqstant ieħor retroattivament b'mod li jmur kontra l-prinċipju taċ-ċertezza legali. Għalhekk, l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2012/19/UE jenħtieġ li jiġi emendat b'tali mod li **ma japplikax** għall-pannelli fotovoltajċi mqiegħda fis-suq bejn it-13 ta' Awwissu 2005 u t-13 ta' Awwissu 2012 **jew** għall-EEE b'kamp ta' applikazzjoni mhux ristrett imqiegħed fis-suq bejn it-13 ta' Awwissu 2005 u l-15 ta' Awwissu 2018.

- (9) *Id-Direttiva 2012/19/UE tissupplimenta d-Direttiva 2008/98/KE, li hija wieħed mill-atti leġiżlattivi ġenerali dwar il-ġestjoni tal-iskart fl-Unjoni. L-Artikoli 8 u 14 tad-Direttiva 2008/98/KE għalhekk japplikaw għall-ġestjoni ta' skart minn pannelli fotovoltajċi u ta' skart minn EEE b'kamp ta' applikazzjoni mhux ristrett għall-perjodu meta l-pannelli fotovoltajċi u l-EEE b'kamp ta' applikazzjoni mhux ristrett ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2012/19/UE minħabba l-emendi għall-Artikoli 12 u 13 tagħha premezz ta' din id-Direttiva.*
- (10) L-Artikoli 14(4) u **L-Artikolu** 15(2) tad-Direttiva 2012/19/UE jipprevedu li l-EEE mqiegħed fis-suq ikun immarkat, preferibbilment f'konformità mal-istandard Ewropew EN 50419, li ġie adottat mis-Cenelec f'Marzu 2006. **Dak** l-istandard ġie rivedut sabiex jiġu aġġornati r-referenzi li fih għad-Direttiva 2012/19/UE. ■ Ir-referenza għall-istandard f'dawk l-Artikoli jenħtieġ **għalhekk** li tiġi aġġornata biex tirreferi għall-verżjoni **riveduta** tal-istandard Ewropew EN 50419, li ġiet adottata mis-Cenelec f'Lulju 2022.
- (11) L-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2012/19/UE jipprevedi li, sabiex id-data li fiha l-EEE jkun tqiegħed fis-suq tkun tista' tiġi stabbilita mingħajr l-ebda dubju, l-Istati Membri għandhom **l-obbligu** jiżguraw li marka fuq l-EEE tkun tispeċifika li **l-EEE** jkun tqiegħed fis-suq wara t-13 ta' Awwissu 2005. B'konsegwenza **tal-emendi** għall-Artikoli 12 u 13, l-Artikolu 15(2) jenħtieġ li jiġi emendat fir-rigward tal-pannelli fotovoltajċi u tal-EEE b'kamp ta' applikazzjoni mhux ristrett, sabiex jiċċara li l-obbligu ta' mmarkar japplika biss mit-13 ta' Awwissu 2012 b'rabta mal-pannelli fotovoltajċi u biss mill-15 ta' Awwissu 2018 b'rabta mal-EEE b'kamp ta' applikazzjoni mhux ristrett.

- (12) *Sabiex il-prinċipju taċ-ċertezza legali jinżamm fir-reviżjonijiet futuri tad-Direttiva 2012/19/UE, huwa importanti li tingħata attenzjoni partikolari lill-prevenzjoni tal-adozzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni li potenzjalment jista' jkollha effetti retroattivi mhux ġustifikati. Barra minn hekk, huwa neċessarju li jingħataw ċarezza u prevedibbiltà lill-produtturi tal-EEE fir-rigward tal-kundizzjonijiet operattivi li kienu fis-seħħ meta l-prodotti tagħhom tqiegħdu fis-suq. Dak l-approċċ jgħin biex jiġi evitat ir-riskju li jiġġarrbu spejjeż imprevedibbli assoċjati mal-ġestjoni futura tal-WEEE. Barra minn hekk, huwa importanti li tali reviżjonijiet jirrispettaw il-ġerarkija tal-iskart kif stipulat fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE.*
- (13) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni⁷, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jżidu man-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom, f'każijiet ġustifikati, dokument wieheċ jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' tali dokumenti hija ġustifikata.

⁷ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

- (14) *It-trattament mhux xieraq tal-iskart minn pannelli fotovoltajċi u tal-iskart minn EEE b'kamp ta' applikazzjoni mhux ristrett iwassal għal impatti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa u fuq l-ambjent. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat trattament xieraq tal-iskart minn pannelli fotovoltajċi u li jiġi massimizzat l-irkupru tal-iskart minn pannelli fotovoltajċi. Mingħajr preġudizzju għall-bidliet fl-obbligi finanzjarji li huma neċessarji biex ikopru l-ġbir u t-trattament tal-iskart minn pannelli fotovoltajċi mqiegħda fis-suq qabel it-13 ta' Awwissu 2012 u tal-iskart mill-EEE kollu b'kamp ta' applikazzjoni mhux ristrett imqiegħed fis-suq qabel il-15 ta' Awwissu 2018 introdotti b'din id-Direttiva, huwa importanti li l-Istati Membri jiżguraw li l-WEEE relatat jiġi ġestit b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent. L-Istati Membri jistgħu jinkoraġġixxu lill-produtturi, permezz tal-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi individwali jew kollettivi tagħhom, biex jiġbru u jittrattaw kif xieraq l-iskart storiku relatat mill-pannelli fotovoltajċi u mill-EEE b'kamp ta' applikazzjoni mhux ristrett.*
- (15) *Meta tkun qed tiġi riveduta d-Direttiva 2012/19/UE, u meta jkun qed jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tagħha, huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-WEEE ma jiġux trasferiti fuq il-konsumaturi jew iċ-ċittadini b'mod sproporzjonat. Dan jinkludi l-kunsiderazzjoni tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", l-indirizzar ta' dispożizzjonijiet potenzjali relatati mal-objettivi tal-ġbir tal-WEEE u l-aderenza mal-ġerarkija tal-iskart kif stipulat fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE.*
- (16) *Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tagħha, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu daww l-objettivi,*

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 2012/19/UE

Id-Direttiva 2012/19/UE hija emendata kif ġej:

(1) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

“Artikolu 24a

Rieżami

- 1. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa ta' reviżjoni ta' din id-Direttiva u, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva f'dak ir-rigward, akkumpanjata minn valutazzjoni approfondita tal-impatt soċjoekonomiku u ambjentali.**
- 2. Fil-valutazzjoni tal-impatt imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra, b'mod partikolari, il-ħtieġa għal:**
 - (a) dispożizzjonijiet li jiżguraw b'mod speċifiku li l-prinċipju taċ-ċertezza legali jiġi rispettata u li ma jkun hemm l-ebda effett retroattiv mhux ġustifikat fi kwalunkwe Stat Membru;**
 - (b) dispożizzjonijiet li jiżguraw l-implimentazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart stabbilita fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE;**
 - (c) dispożizzjonijiet li jiżguraw li ċ-ċittadini u l-konsumaturi ma jitgħabbewx bi spejjeż sproporzjonati, f'konformità mal-prinċipju ta' “min iniġġes iħallas”;**

- (d) *dispożizzjonijiet li jiżguraw l-implimentazzjoni u l-infurzar sħaħ ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward ta' miri tal-ġbir adegwati, kif ukoll fir-rigward tal-prevenzjoni tal-kummerċ illegali tal-WEEE;*
- (e) *il-ħolqien ta' kategorija ġdida ta' EEE għall-“pannelli fotovoltajċi” skont din id-Direttiva bil-għan li l-pannelli fotovoltajċi jiġu diżassoċjati mill-kategorija 4 eżistenti tal-EEE, “tagħmir kbir”, kif imsemmi fl-Annessi III u IV, u l-kalkolu tal-miri tal-ġbir abbażi tal-iskart minn pannelli fotovoltajċi disponibbli għall-ġbir fuq il-bażi tal-ħajja mistennija tagħhom, aktar milli tal-kwantità ta' prodotti mqiegħda fis-suq;*
- (f) *l-istabbiliment ta' mekkaniżmu maħsub biex jiżgura li, f'każ ta' falliment jew likwidazzjoni tal-produttur, l-ispejjeż futuri tal-ġbir, it-trattament, l-irkupru u r-rimi li ma jagħmilx hasara lill-ambjent ta' skart minn pannelli fotovoltajċi kemm minn djar privati kif ukoll minn utenti għajr djar privati jkun fuq finanzjarjament koperti.”;*

(2) l-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi jipprevedu minn tal-inqas il-finanzjament tal-ispejjeż għall-ġbir, it-trattament, l-irkupru u r-rimi li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent tal-WEEE minn djar privati li jkun ġie ddepożitat f'faċilitajiet ta' ġbir imwaqqfa skont l-Artikolu 5(2) kif ġej:

(a) għall-WEEE li jirriżulta mill-EEE msemmi fl-Artikolu 2(1), **il-punt** (a), għajr il-pannelli fotovoltajċi, fejn tali EEE jkun tqiegħed fis-suq wara t-13 ta' Awwissu 2005;

(b) għall-WEEE li jirriżulta minn pannelli fotovoltajċi fejn tali pannelli fotovoltajċi jkunu tqiegħdu fis-suq mit-13 ta' Awwissu 2012; u

(c) għall-WEEE li jirriżulta mill-EEE msemmi fl-Artikolu 2(1), **il-punt** (b), u li ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(1), **il-punt** (a), fejn tali EEE jkun tqiegħed fis-suq mill-15 ta' Awwissu 2018.”;

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Kull produttur għandu jkun responsabbli għall-finanzjament tal-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 relatati mal-iskart iġġenerat mill-prodotti tiegħu stess. Il-produttur jista' jagħżel li jissodisfa dan l-obbligu jew individwalment jew billi jingħaqad ma' skema kollettiva.”;

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Ir-responsabbiltà għall-finanzjament tal-ispejjeż tal-ġestjoni tal-WEEE minn prodotti *msemmija* fl-Artikolu 2(1), *il-punt* (a), għajr pannelli fotovoltajċi, imqiegħda fis-suq fit-13 ta' Awwissu 2005 jew qabel (“skart storiku”) għandha tiġġarrab minn sistema waħda jew aktar li l-produtturi kollha li jkunu jeżistu fis-suq meta jseħħu l-ispejjeż rispettivi jikkontribwixxu b'mod proporzjonat, pereżempju bi proporzjon għas-sehem rispettiv tagħhom fis-suq skont it-tip ta' tagħmir.”;

(3) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-finanzjament tal-ispejjeż għall-ġbir, it-trattament, l-irkupru u r-rimi li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent tal-WEEE minn utenti għajr djar privati għandu jiġi pprovdut mill-produtturi kif ġej:

- (a) għall-WEEE li jirriżulta mill-EEE msemmi fl-Artikolu 2(1), *il-punt* (a), għajr il-pannelli fotovoltajċi, fejn tali EEE jkun tqiegħed fis-suq wara t-13 ta' Awwissu 2005;
- (b) għall-WEEE li jirriżulta minn pannelli fotovoltajċi fejn tali pannelli fotovoltajċi jkunu tqiegħdu fis-suq mit-13 ta' Awwissu 2012; u
- (c) għall-WEEE li jirriżulta mill-EEE msemmi fl-Artikolu 2(1), *il-punt* (b), u li ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(1), *il-punt* (a), fejn tali EEE jkun tqiegħed fis-suq mill-15 ta' Awwissu 2018.

Għall-iskart storiku mill-EEE msemmi fl-Artikolu 2(1), il-punt (a), għajr il-pannelli fotovoltajċi, li jkunu qed jiġu sostitwiti bi prodotti ekwivalenti ġodda jew bi prodotti ġodda li jaqdu l-istess funzjoni, il-finanzjament tal-ispejjeż għandu jiġi pprovdut mill-produtturi ta' dawk il-prodotti meta jkunu qed ifornuhom. L-Istati Membri jistgħu, alternattivament, jistipulaw li l-utenti għajr id-djar privati jsiru wkoll responsabbli, parzjalment jew totalment, għal dak il-finanzjament.

Għal skart storiku ieħor mill-EEE msemmi fl-Artikolu 2(1), il-punt (a), għajr il-pannelli fotovoltajċi, il-finanzjament tal-ispejjeż għandu jiġi pprovdut mill-utenti għajr djar privati.”;

(4) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Bil-għan li jiġi mminimizzat ir-rimi tal-WEEE bħala skart municijali mhux isseparat u biex jiġi ffaċilitat il-ġbir separat tiegħu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi jimmarkaw kif xieraq — preferibbilment f'konformità mal-istandard Ewropew EN 50419:2022 — l-EEE mqiegħed fis-suq bis-simbolu muri fl-Anness IX. F'każijiet eċċezzjonali, fejn dan ikun neċessarju minħabba d-daqs jew il-funzjoni tal-prodott, is-simbolu għandu jiġi stampat fuq l-imballaġġ, fuq l-istruzzjonijiet għall-użu u fuq il-garanzija tal-EEE.”;

- (5) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “2. Sabiex id-data li fiha l-EEE jkun tqiegħed fis-suq tkun tista' tiġi stabbilita mingħajr l-ebda dubju, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li marka fuq l-EEE tkun tispeċifika li dan tal-aħħar tqiegħed fis-suq wara t-13 ta' Awwissu 2005. Preferibbilment, l-istandard Ewropew EN 50419:2022 għandu jiġi applikat għal dan il-għan. Għall-pannelli fotovoltajċi, l-obbligu msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu japplika biss għall-pannelli fotovoltajċi mqiegħda fis-suq mit-13 ta' Awwissu 2012. Għall-EEE msemmi fl-Artikolu 2(1), *il-punt* (b), u li ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(1), *il-punt* (a), l-obbligu msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu japplika biss għall-EEE mqiegħed fis-suq mill-15 ta' Awwissu 2018.”.

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa ... [**18-il xahar mid-data tad-dħul** fis-seħħ **ta' din id-Direttiva**]. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.
Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew jinkludu referenza għaliha meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President
